DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1697

tat-12 ta' Ottubru 2020

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza taħt il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, rigward id-Deċiżjoni Nru 0010 li tadotta l-Anness 3 għall-Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili ([1]) ("il-Ftehim") ġie approvat f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/719/UE ([2]) u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2011.

(2) Wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Ftehim huwa li tittejjeb ir-relazzjoni ta' kooperazzjoni li ilha teżisti bejn l-Ewropa u l-Istati Uniti sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tal-avjazzjoni ċivili mad-dinja kollha u sabiex jitnaqqsu l-piżijiet ekonomiċi fuq l-industrija tal-avjazzjoni u l-operaturi tagħha minħabba sorveljanza regolatorja bla bżonn.

(3) L-Emenda 1 ([3]) għall-Ftehim testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2.B tal-Ftehim biex jinkludi, fost affarijiet oħra, l-għoti tal-liċenzji u t-taħriġ tal-persunal, u ġie applikat proviżorjament sa mit-13 ta' Diċembru 2017 f'konformità mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/61 ([4]).

(4) L-Artikolu 5 tal-Ftehim, kif emendat, jipprevedi l-iżvilupp ta' Annessi ġodda għall-Ftehim dwar kwistjonijiet li huma parti mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

(5) Iż-żewġ Aġenti Tekniċi, fit-tifsira tal-Artikolu 1.F. tal-Ftehim, jiġifieri l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) għall-Unjoni Ewropea (UE) u l-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni (FAA) għall-Istati Uniti tal-Amerika (Stati Uniti), ipproponew li l-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza jadotta Deċiżjoni biex jiġi żviluppat Anness 3 ġdid għall-Ftehim sabiex ikopri l-aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet tal-konformità u tad-dokumentazzjoni, u l-forniment ta' assistenza teknika rigward l-għoti tal-liċenzji u l-monitoraġġ tal-konformità tal-bdoti privati.

(6) Permezz tal-konverżjoni ssimplifikata tal-liċenzji tal-bdoti privati u ta' ċerti klassifikazzjonijiet tal-bdoti jkun hemm il-qafas biex jiġi żgurat li l-bdoti b'residenza fl-Unjoni jtajru l-inġenji tal-ajru abbażi tal-liċenzji/tal-klassifikazzjonijiet maħruġa skont ir-Regolamenti tal-UE li jkunu taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE u li jżommu u jiżviluppaw il-kwalifiki tagħhom f'organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-UE. Barra minn hekk, din ser iġġib magħha benefiċċji prattiċi sinifikanti għal għadd kbir ta' bdoti, b'residenza fl-Unjoni u fl-Istati Uniti, mingħajr ma tiġi kompromessa s-sigurtà.

(7) L-Artikolu 19.C tal-Ftehim jipprevedi li jidħlu fis-seħħ Annessi individwali permezz ta' deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza stabbilit skont l-Artikolu 3 tiegħu.

([1]) ĠU L 291, 9.11.2011, p. 3.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/719/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 291, 9.11.2011, p. 1).

([3]) ĠU L 11, 16.1.2018, p. 3.

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/61 tal-21 ta' Marzu 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' emenda għall-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili (ĠU L 11, 16.1.2018, p. 1).

(8) Ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza f'konformità mal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2011/719/UE fir-rigward tad-Deċiżjoni Nru 0010 tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza li tadotta l-Anness 3 dwar l-għoti ta' liċenzji tal-Bdoti għall-Ftehim skont l-Artikoli 3.C.7 u l-Artikolu 19.C tiegħu.

(9) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni Nru 0010 tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza u fuq id-Dikjarazzjoni Konġunta,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, skont l-Artikoli 3 u 19 tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar il-kooperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili ("il-Ftehim") fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza li tadotta l-Anness 3 tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni Nru 0010 tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza, u tad-Dikjarazzjoni Konġunta. ([5])

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-12 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([5]) Ara d-dokument ST 11004/19 fuq http://register.consilium.europa.eu.